MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 415/2010

**A B**
**vs**
**C D mart l-istess A B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Mejju 1999; li l-kunsens matrimonjali tal-attur kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19[1][f] u [d] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta, u ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rregistrat il-qbil taghha mat-talba attrici, u mal-fatti minnu allegati bhala raguni ghat-talba tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, kuntrattat fid-29 ta' Mejju 1999 huwa null fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati. Minn naha taghha l-konvenuta taderixxi mal-premessi u mat-talba attrici.

**Il-Fatti**

Illi l-partijiet izzewgu fl-imsemmija data, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tlett snin, u meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 21 sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fis-26 ta' Marzu 2002. Wara konvivenza ta' circa 10 snin il-partijiet isseparaw de facto, u eventwalment iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attur jghid li l-akbar problema fiz-zwieg kienet il-bruda li kellha l-konvenuta ghar-relazzjonijiet intimi. Dan kien sors ta' inwkiet kontinwu bejn il-partijiet, tant li l-attur, biex jevita l-litigji kien jaghmel zmien twil barra mid-dar, u ghalhekk wara x-xoghol kien jibqa' sejjer l-ghalqa jew jiltaqa' ma shabu. Jghid pero' li l-weekend kien jiddedikah ghal familja.

Wara t-twelid tat-tifla, il-problema aggravat ghax il-konvenuta kienet turi riluttanza ghall-att konjugali aktar minn qabel.

In kontro-ezami l-attur jistqarr li hu ma kienx ihobb lill-konvenuta, izda kien baqa' jhobb lit-tfajla li kien johrog maghha qabel u li kellu jittermina r-relazzjoni tieghu maghha minhabba missierha. Huwa kien beda johrog mal-konvenuta sabiex iderri mid-dwejjaq li kellu meta ttermina r-relazzjoni ma' din it-tfajla. Kien baqa' jhobbha anke fiz-zmien meta kkuntratta z-zwieg mal-konvenuta, u anke wara z-zwieg, filwaqt li lil konvenuta ma kienx

ihobbha. Huwa spjega li kien baqa' fir-relazzjoni mal-konvenuta minhabba c-cirkostanzi li eventwalment wasslu sabiex il-partijiet jizzewweg.

Xahrejn wara s-separazzjoni de facto minn mal-konvenuta, l-attur rega' kompla r-relazzjoni ma' din it-tfajla, u ghadu maghha sa llum.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li sa minn zmien l-gherusija l-attur kien ikun ta' spiss bin-nervi, u meta jirrabja kien ikun aggressiv bil-kliem u bl-atteggjament. Wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat, u meta l-attur kien ikun bin-nervi, apparti milli kien jibda jghajjat kien ikun aggressiv fuq l-affarijiet. Kien anke jirrabja hafna meta t-tifla kienet tibda' tibki.

Fi kliemha: *"…kull haga ta' xejn jigi mix-xoghol b' rabja, b' nervi, insaqsih u nghidlu x' ghandek illum, jghidli ma nafx u mbaghad kif ikollna argument zghir fuq anything taqbizlu u jibda jirrabja jew ikisser, jiena ma xtaqx ikolli tfal. Niftakar illi ghidtlu qabel ma tirranga l-attitudini tieghek jiena ma rridx tfal ghax ma nistax nghix hekk; illi wara ftit kien qalli jekk ma jkollnix tfal nitilqek."*[1] Dan kien circa sena u nofs mid-data taz-zwieg.

Problema kbira ohra fiz-zwieg kien il-fatt li l-attur kien ihalli lill-konvenuta waheda ghal zmien twil. Hija tilmenta li *"qatt ma seta' jifhem illi fil-hajja taz-zwieg ma jistax ihalli lil mara wahedha."*[2] Tghid li matul il-gimgha hu kien johrog ghax-xoghol, u ghalkemm kien jispicca ghal xi 4.30 pm, hu kien jirritorna lura d-dar wara it-8.00 pm u anke id-9.00 pm

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fil-kaz in dizamina, il-Qorti hi tal-fehema li l-kunsens matrimonjali da parti tal-attur kien vizzjat fit-termini tal-

[1] Fol.29
[2] Fol.28

paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap fuq indikat, stante li l-attur kien inkapaci li jghix il-hajja matrimonjali mal-konvenuta f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn ir-rispett reciproku. Kien hemm nuqqas da parti tieghu ta’ affezzjoni fil-konfront tal-konvenuta. Dan in-nuqqas kien jezisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u ghalhekk kien ivvizja l-kunsens tieghu, stante li kien ta’ ostakolu serju ghall-izvilupp ta’ komunjoni ta’ hajja u ta’ imhabba bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Mejju 1999.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------